MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 1/2002/1

**Carmelo Pullicino**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' April, 2002 l-Arbitru pronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Dan l-appell qed isir mid-decizjoni tad-Direttur tas-16 ta' Ottubru 2001 li permezz taghha waqqaf il-hlas tal-Ghajnuna Medika lill-appellant u talbu rifuzjoni ta' dak li thallas bejn it-3 ta' Jannar 1998 sat-28 ta' Lulju 2000 peress li d-Direttur skopra li l-appellant kellu aktar minn Lm7,000 f'depoziti bankarji.

L-appellant isostni li huwa minnu dak li jghid id-Direttur izda jispjega li dawn kienu flus ta’ bintu li poggiethom fuq isem l-appellant peress li t-tifla mizzewga barrani u riedu jkun certi li ma jidhakx biha. Jghid ukoll li dawn il-flus kien gibidhom biex bintu xtrat f’post f’Marsascala.

Risposta tad-Direttur:-

“*1. Illi l-appellant kien ilu jircievi l-Ghajnuna Medika sa mit-23 ta’ Ottubru 1993.*

*2. Illli mill-investigazzjonijiet li ghamel id-Dipartiment, irrizulta li skond l-ammont ta’ interessi illi hu jircievi, jidher b’mod car li l-kapitali li ghandu investit fil-Bank hu aktar minn Lm7000.*

*3. Illi fid-dawl ta’ dan kollu, id-Direttur waqqaf l-Ghajnuna Medika lill-appellant u nfurmah bid-decizjoni negattiva tieghu fis-16 ta’ Ottubru 2001.*

*4. Illi barra minn hekk, l-appellant gie notifikat jhallas lura l-ammont ta’ Lm1262.00 liema ammont thallas lilu bhala Ghajnuna Medika mit-3 ta’ Jannar 1998 sat-28 ta’ Lulju 2000, u li ghalih ma kienx intitolat.*

*5. Illi dan l-appell ma jqanqal ebda punt ta’ ligi jew principju ta’ mportanza u ghalhekk ghandu jigi michud*.”

Minn ezami tad-dokumenti jirrizulta illi fl-1998 l-appellant u martu kellhom bejniethom ghaxar kontijiet bankarji b’kollox bilanc ta’ madwar Lm10,000. L-appellant ghalhekk kiser l-obbligazzjoni guramentata li kien ghamel meta applika ghal dan il-beneficcju li jinforma lid-dipartiment b’kull tibdil fic-cirkostanzi. Dana m’ghamlux u ghalhekk ma jistax issa tigi accettata r-raguni li qed jaghtu l-appellanti.”

Minn din id-decizjoni appella Carmelo Pullicino u talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar din l-istess

decizjoni moghtija mill-Arbitru. Dan in bazi ghall-obbjezzjoni principali illi:-

i. L-Arbitru ma hax in konsiderazzjoni il-fatt li l-maggjor parti tal-flejjes fil-kontijiet bankarji kienu ta' bintu u mhux tieghu.
ii. Il-fatt li zamm dawn il-flejjes fuq ismu, meta kienu ta' bintu, ma kienx jammonta ghal tibdil fic-cirkostanzi li per forza kienet tirrendih obbligat li jgharraf lid-Dipartiment koncernat.
iii. Illi la l-bzonn ghall-ghajnuna medika kien ghadu jezisti allura hu kien ghadu jikkwalifika ghal tali assistenza. Dan riferibilment ghall-perijodu bejn it-3 ta' Jannar 1998 u t-28 ta' Lulju 2000, li dwaru ntalab ir-rimbors lura tal-ghajnuna percepita.

Bhala elementi ta' fatt jirrizulta li:-

i. L-appellant kien ilu jircievi ghajnuna medika mit-23 ta' Ottubru 1993;
ii. Mill-indagini kondotta mid-Dipartiment fl-2001 irrizulta illi gja fis-sena 1998 l-kapital depozitat fil-banek f'isem il-beneficcjarju u martu kien jeccedi s-somma ta' sebat elef lira Maltija (Lm7000) (fol 11 sa 13).
iii. In konsegwenza ghar-rizultanzi ta' din l-investigazzjoni d-Direttur ittermina l-ghajnuna medika (fol 18) u inoltre iddomanda minghand l-appellant ir-rifuzjoni tas-somma ta' elf mitejn u tnejn u sittin lira Maltija (Lm1262), (fol 19).

Issa l-appellant mhux qed jikkontesta l-fatt li fis-sena partikolari kellu s-somma kapitali li rrizultat mid-depoziti bankarji tieghu u ta' martu izda qed isostni, ghallanqas mill-kontenut ta' l-appell tieghu quddiem l-Arbitru, illi dawn kienu flejjes ta' bintu. Fl-appell odjern, invece, jghid li huma l-"maggor parti" taghhom biss li kienu ta' bintu.

Mill-inkartament quddiem l-Arbitru ma tirrizulta l-ebda prova konkreta li tati fidi lid-dikjarazzjoni tal-appellant. B'danakollu hu jippretendi li din il-mera dikjarazzjoni tieghu kellha tkun sufficcjenti biex tikkonvinci lill-Arbitru, u qablu, lid-Direttur, illi l-kapital kien ta' bintu u mhux tieghu.

Din il-Qorti ma tistax tara kif din id-dikjarazzjoni jew prova tista' tkun fededenja meta ma tinsabx suffragata minn imkien mill-atti. Mhux hekk biss pero`, in kwantu l-Qorti hi tal-fehma wkoll li hi ghal kollox inattendibbli jekk mhux ukoll inveritiera. F'dan il-kuntest il-Qorti mhux ser toqghod taghmel analisi dettaljata meta d-dikjarazzjoni hi nieqsa minn prova tangibbli.

Dan anke ghaliex difficilment tista' temmen li l-flejjes depozitati kienu jappartjenu lil bint l-appellant. Jekk tassew, kif qed jinghad minnu, dawn kienu ta' bintu kien facli hafna ghalih li jgib dikjarazzjoni guramentata minn ghandha biex taghti sostenn lil-verzjoni tieghu. Dippju kien ikun opportunament aktar kredibbli kieku flok hallat il-flus ta' bintu ma' dawk tieghu jew ta' martu, iddepozitahom f'isem l-istess bintu u, imbaghad ihaddem il-kont permezz ta' prokura. L-ebda dokument bhal dan jew att konsimili ma ngieb ghas-sodisfazzjoni tal-Arbitru. L-anqas li kien mistenni, imbaghad, kien li 'a tempo debito' jinforma lid-Direttur li bintu affidat flejjes mieghu u li dawn iddepozitahom fil-kontijiet tieghu. Minn dan kollu ma ghamel xejn.

Fuq dan l-ahhar aspett l-appellant, fid-dibattitu orali tal-appell tieghu quddiem din il-Qorti, hareg bit-trovata, naturalment bl-iskop li juri li ma kellux x'jahbi u li ma kienx ukoll in mala fede, illi hu kien ippermetta lid-Direttur biex jivverifika l-kontijiet bankarji tieghu. Dan ma jidherx li kien hekk il-kaz billi d-Direttur ma kellux bzonn kunsens bhal dan. L-istess ligi takkorda lid-Direttur is-setgha li jordna lill-bank, fost ghaqdiet u organizazzjonijiet ohra, li jaghtuh l-informazzjoni kollha li jista' jenhtieg sabiex ikun jista' jiehu kull decizjoni, jew jirrevedi kull decizjoni. Dan jipprovdi ghalih expressis l-Artikolu 133 tal-Kap 318.

L-Att dwar is-Sigurta` Socjali kjarament ipoggi l-oneru fuq l-applikant, fil-kaz ta' talba ghal xi wahda mill-ghajnuniet hemm prevvisti, illi jgib prova konvincenti,u konvincenti hafna, ghas-sodisfazzjoni tad-Direttur biex dan ikun in grad jevalwa u jiddeciedi dwarha sal-grad ta' konvinciment ragjonevoli.

F’dan il-kaz il-Qorti hi altru milli sodisfatta illi d-Direttur, kif ukoll l-Arbitru, waslu ghal decizjoni gusta fuq l-attendibilita` tal-prova tal-assi bankarji tal-appellant.

Fil-verita` lanqas issa in sede appell l-appellant ma ressaq xejn gdid minn dak gja sottomess minnu quddiem l-Arbitru.

Konsegwentement fuq ir-rizultanzi fattwali d-decizjoni hi korretta u tabilhaqq jista’ jinghad illi “contra factum non est argumentum”. U allura l-Qorti ma tarax raguni ghaliex ghandha tvarja l-apprezzament tal-Arbitru, kif qed tigi invitata taghmel mill-appellant. In aggunta u ghall-istess raguni lanqas ma huwa l-kaz li ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi l-appell domandanti r-revoka tad-decizjoni appellata qed jigi michud u s-sentenza tal-Arbitru konfermata. L-ispejjez jibqghu a kariku tal-appellant.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------